# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 9/2017

**Il-Pulizija**

**(Spettur Jonathan Cassar)**

**vs**

**Ayman Abdul-Ez Mohammed Hanafwa**

Seduta tat-12 ta' Lulju, 2018

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Ayman Abul-Ez Mohammed Hanafwa, detentur tal-karta tal-identita' 9001428A quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

1. Kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u ristretta (ecstasy) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supritendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-dispozizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolarnenti dwar il-kontroll tal-

Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati, liema medicina nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

2. Kellu fil-pussess tieghu ir-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza bi ksur ta' l-Art 8 (a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

3. Kellu fil-pussess tieghu ir-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza bi ksur ta' l-Art 8 (a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, Iiema droga instabet f'tali cirkustanzi li juru Ii ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu

U aktar talli nhar is-27 ta' Dicembru 2016 u fil-jiem ta' qabel din id-data f'dawn il-gzejjer:

4. Kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u ristretta (ecstasy) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supritendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-dispozizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolarnenti dwar il-kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati;

5. Kellu fil-pussess tieghu il-pjanta Cannabis kollha jew bicca minnha bi ksur ta' l-Art 8 (d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. Kellu fil-pussess tieghu ir-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza bi ksur ta' l-Art 8 (a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli nhar is-27 ta' Dicembru 2016 u fis-sena ta' qabel din id-data gewwa dawn il-gzejjer:

7. Biegh jew xort' ohra ttraffika il-pjanta Cannabis kollha jew bicca minnha, u dan bi  ksur ta' I-Art 8 (e) ta' l-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal- Ligijiet ta' Malta;

8. Ikkommetta reat punibbli bi prigunerija waqt perjodu operattiv ta' sentenza sospiza ta' prigunerija, liema sentenza inghatat mill-Magistrat Dr. M. Vella LL.D nhar it-23 ta' Marzu 2016, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tkun mibdula;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tad-9 ta' Jannar, 2017 li biha sabet lil imputat Ayman Abul-Ez Mohammed Hanafwa, reċidiv f'delitti, fuq l-ammissjoni inkondizzjonata tiegħu stess sabitu hati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u wara li ħadet kont tal-Artikolu 17 tal-Kodiċi Kriminali ikkundannatu :

i : kwantu għar-reati numri wieħed sa sebgħa għall-piena ta' sittax (16) il-xahar priġunerija u multa t'elfejn euro (€2000);

ii : kwantu għat-tmien imputazzjoni, wara li rat l-Artikoli 28A u 28B tal-Kodiċi Kriminali, filwaqt li qiegħda sabet lil Ayman Abul-Ez Mohammed Hanafwa wettaq ir-reati li għalihom hemm piena ta' priġunerija matul il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiża, ai termini tal-Artikolu 28B(1) tal-Kodiċi Kriminali trattat miegħu għar-rigward tas-sentenza sospiża u konsegwentement ordnat li s-sentenza ta' erbgħa u għoxrin xahar priġunerija sospiżi għal sentejn għandha tibda' sseħħ b'effett immedjat;

Il-Qorti ccarat illi għalhekk l-imputat qed ikun kkundannat għal perjodu komplessiv ta' erbgħin (40) xahar priġunerija flimkien mal-ħlas ta' multa ta' elfejn euro (€2000).

Il-Qorti ordnat l-konfiska tal-corpus delicti u tal-oġġetti kollha li għandhom x'jaqsmu mal-kommissjoni tar-reat u ordnat wkoll id-distruzzjoni tal-istess droga tal-abbuż eżibita fl-atti ta' din il-kawża skont dik il-modalita' li r-Reġistratur jidhirlu xierqa u stante li ma rriżultax li kienu magħmula spejjeż peritali, il-Qorti astjeniet milli tieħu konjizzjoni tal-istess talba

Rat ir-rikors tal-appellant, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fil-1 ta' Gunju, 2018, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti jogghobha **tirriforma** s-sentenza appellata kif gej billi **tikkonfermaha** fil-parti tar-reita', u **thassarha u tirrevokaha** fil-parti tal-piena billi minflok l-piena inflitta tkun mposta piena jew sanzjoni ohra li tkun aktar ekwa u gusta ghac-cirkostanzi;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Semghet lid-difensur tal-appellant u lill-Avukat Generali;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.;

Ikkonsidrat:

1. Illi dan huwa appell limitat dwar il-piena erogata mill-ewwel Qorti bil-gravami singolari li hemm fatturi li jimmilitaw favur temperament fil-piena. L-appellant jargumenta illi l-fatt illi huwa ikkollabora bis-shih fl-investigazzjoni tal-pulizija, l-ammissjoni bikrija tieghu u li huwa qieghed *jokrob* ghall-ghajnuna sabiex johrog mill-vizzju tad-droga jimmeritaw tnaqqis fil-piena kominata;

2. L-appellant kien rregistra ammissjoni b'mod inkondizzjonat ghall-imputazzjonijiet li huma riprodotti fil-parti inizzjali ta' din is-sentenza. Imputazzjonijiet dawn ta' natura serja li jinkludu pussess ta' *ecstasy* u pussess ta' raza tal-Cannabis bl-aggravju li juru li dawn ma kienux ghall-uzu esklussiv tieghu. Huwa minnu illi l-appellant irregistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proceduri u li qieghed jitlob l-ghajnuna biex johrog mill-vizzju tad-droga izda dan mghandux b'daqshekk jissarraf fi tnaqqis fil-piena erogata mill-ewwel Qorti;

3. Jibda biex jinghad illi l-piena kominata tirrientra sew fil-parametri tal-ligi fejn l-appellant kien soggett ghal-piena ta' prigunerija sa ghaxar snin. Il-piena ta' prigunerija ta' erbghin xahar, izda, mhix il-piena kominata ghar-reati konnessi mad-droga misjuba fuq l-appellant ghaliex din tikkomprendi erba u ghoxrin xahar prigunerija rezi effettivi li precedentement kienu sospizi fit-termini tal-rtikolu 28A tal-Kodici Kriminali. Dan wara li inkluz mal-ammissjoni tal-appellent kien hemm l-ammissjoni li kkommetti dawn ir-reati waqt perjodu operattiv ta' sentenza sospiza. Ifisser ghalhekk illi ghar-reat rigwardanti d-droga huwa effettivament inghata piena ta' 16-il xahar prigunerija u huwa dan il-punt ta' partenza ghall-konsiderazzjoni li ser isegwu;

4. Issa, qabel ma l-ewwel Qorti ghaddiet biex teroga l-piena, hadet l-inizjattiva li ggib quddiemha lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin sabiex jispjega dwar il-programmi ta' riabilitazzjoni miftuha ghall-inkarcerati. Dan ghamlitu bil-gid tal-appellant quddiemha ghaliex gharfet illi l-imputat ghandu bzonn l-ghajnuna u li kien biss tramite inkarcerazzjoni u ghajnuna fil-forma ta' programm ta' riabilitazzjoni li jista' johrog minn dan il-vizzju. Gara izda, illi ghalhekk l-appellant kien inkarcerat huwa ma seta jibda ebda programm ghaliex is-sentenza tieghu ghadha ma ghaddietx in gudikat;

5. Kwantu ghat-terminu ta' prigunerija ta' erba u ghoxrin xahar rezi effettivi, l-ewwel Qorti imxiet in pjena ottemperanza mad-disposizzjonijiet tal-artikolu 28B tal-Kodici Kriminali u ma hemm xejn sindakabbli in rigward;

6. Din il-Qorti, filwaqt illi ma tara ebda raguni ghaliex ghandha tiddistruba d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti fil-kominazzjoni tal-piena la darba din kienet fil-parametri tal-ligi u ma hemm xejn x'jiddimostra li kellha tkun anqas minn dik kominata;

7. Ghal dawn ir-ragunijiet, l-appell qed ikun michud.

8. Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat minnufih lid-Direttur Facilita' Korrettiva ta' Kordin sabiex jinforma lill-appellant bil-mizuri kollha ghad-disposizzjoni tieghu sabiex ikun jista' jibda fl-aqsar zmien possibbli programm ghar-riabilazzjoni tieghu mill-vizzju tad-droga.